31996L0069

L 282/64 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 1.11.1996

ID-DIRETTIVA 96/69/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Ottubru 1996

li temenda d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja b'emissjonijiet minn vetturi bil-mutur

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA.

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]).

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189b tat-Trattat ([3]),

1. Billi għandhom jittieħdu miżuri fi ħdan il-qafas tal-kisba tal-għanijiet tas-suq intern; billi s-suq intern fih żona mingħajr fruntieri interni li fih huwa żgurat l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital;

2. Billi l-ewwel programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej fuq il-protezzjoni ta' l-ambjent ([4]), approvat mill-Kunsill fit-22 ta' Novembru 1973, għamel sejħa biex jittieħed kont ta' l-aħħar progressi xjentifiċi fil-ġlieda kontra t-tniġġis atmosferiku kawżat mill-gassijiet minn vetturi bil-mutur u biex id-Direttivi mħaddna qabel jiġu emendati skond il-ħtieġa; billi l-ħames programm ta' azzjoni, li l-approċċ ġenerali tiegħu kien approvat mill-Kunsill fir-riżoluzzjoni ta' l-1 ta' Frar 1993 ([5]), provda li jsiru sforzi addizzjonali biex jkun hemm tnaqqis konsiderevoli fil-livell preżenti ta' tniġġis minn vetturi bil-mutur;

3. Billi l-għan li jitnaqqas l-livell ta' emissjonijiet ta' inkwinanti minn vetturi bil-mutur u t-tħaddim tas-suq intern għall-vetturi ma' jistax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri individwali; billi dawn, iżda, jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell komunitarju permezz ta' l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Stati Membri li jirrigwardaw il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja mill-vetturi bil-mutur;

4. Billi huwa magħruf li l-iżvilupp tat-trasport fil-Komunità ġab tražżin għall-ambjent u hemm riskju ta' żieda fid-deterjorament tiegħu; billi l-estimi uffiċjali fiż-żieda tad-densità fit-traffiku magħmula s'issa inqabżu mit-tendenzi attwali mal-Komunità kollha u billi għal din ir-raġuni livelli stretti ta' emissjoni għandhom jiġu preskritti għall-vetturi kollha bil-mutur;

5. Billi fl-1993 il-Kummissjoni ħaddnet programm Ewropew fuq l-emissjonijiet, teknoloġiji ta' karburant u magni (Epefe); billi dan il-programm ġie stabbilit biex jiġi żgurat li l-proposti għal Direttivi tal-ġejjieni dwar tniġġis mill-emissjonijiet ifittxu l-aqwa soluzzjonijiet għall-ambjent, għall-konsumatur u għall-ekonomija; billi, jittratta dwar it-tniġġis minn vetturi bil-mutur u l-karburant li bih jimxu;

6. Billi d-Direttiva 70/220/KEE ([6]) li tittratta dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja mill-emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur, hija waħda mid-Direttivi separati taħt il-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip preskritta mid-Direttiva 70/156/KEE ([7]);

7. Billi d-Direttiva 70/220/KEE tippreskrivi l-valuri limiti għall-*carbon monoxide* u l-emissjonijiet mhux maħruqa ta' *hydrocarbon* mill-magni ta' vetturi bħal dawn; billi dawn il-valuri limiti kienu ġew imnaqqsa l-ewwel darba bid-Direttiva tal-Kunsill 74/290/KEE ([8]) u miżjuda, b'konformità mad-Direttiva tal-Kummissjoni 77/102/KEE ([9]), b'valuri limiti għal emissjonijiet permissibbli ta' ossidi ta' nitroġenu; billi l-valuri limiti għal dawn it-tliet sustanzi li jniġġsu kienu suċċessivament imnaqqsa mid-Direttiva tal-Kummissjoni 78/665/KEE ([10]) u d-Direttivi tal-Kunsill 83/351/KEE ([11]) u 88/76/KEE ([12]); billi valuri limiti għat-tniġġis mill-emissjonijiet partikolati minn magni *diesel* iddaħħlu mid-Direttiva 88/436/KEE ([13]);

([1]) ĠU Nu C 390, tal-31.12.1994, p. 26u ĠU C 19, tat-23.1.1996, p. 13.
([2]) ĠU Nu C 201, tas-26.7.1993, p. 9.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Settembru 1995 (ĠU C 269, tas-16.10.1995, p.82), pożizzjoni komuni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1995 (ĠU C 37, tad-9.2.1996, p. 23) u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Mejju 1996 (ĠU C 152, tas-27.5.1996, p. 44).
([4]) ĠU Nu C 112, ta' l-20.12.1973, p. 1.
([5]) ĠU Nu C 138, tas-17.5.1993, p. 1.
([6]) ĠU L 76, tas-6.4.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 94/12/KE (ĠU L 100,tad-19.4.1994, p. 42).
([7]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 95/54/KE (ĠU L 266, tat-8.11.1995, p. 1).
([8]) ĠU L 159, tal-15.6.1974, p. 61.
([9]) ĠU L 32, tat-3.2.1977, p. 32.
([10]) ĠU L 223, ta' l-14.8.1978, p. 48.
([11]) ĠU L 197, ta' l-20.7.1983, p. 1.
([12]) ĠU L 36, tad-9.2.1988, p. 1.
([13]) ĠU L 214, tas-6.8.1988, p. 1.

billi livelli Ewropej aktar stretti għall-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi minn vetturi bil-mutur taħt 1 400 cm^3 kienu ddaħħlu bid-Direttiva 89/458/KEE [1]; billi dawn il-livelli twessgħu għall-karozzi tal-passiġġieri kollha indipendentement mill-kapaċità tal-magna tagħhom fuq il-bażi ta' proċedura Ewropea mtejba ta' test li jinkludi fih ċiklu ta' sewqan barra mill-belt; billi ddaħħlu rekwiżiti marbuta ma' l-emisjonijiet evaporattivi u mad-dewmien ta' komponenti ta' vettura li jnaqqsu l-emissjonijiet kif ukoll livelli aktar stretti ta' sustanzi li jniġġsu partikolati għall-vetturi bil-mutur armati b'magni *diesel* bid-Direttiva 91/441/KEE [2]; billi karozzi tal-passiġġieri ddiżenjati biex jesgħu aktar minn sitt passiġġieri, inkluż is-sewwieq, jew li għandhom massa massima ta' aktar minn 2 500 kg., vetturi kummerċjali żgħar u vetturi "*off-road*" koperti mid-Direttiva 70/220/KEE ġew, skond id-Direttiva 93/59/KEE [3], soġġetti għal livelli stretti daqs dawk tal-karozzi tal-passiġġieri, filwaqt li ttieħed kont tal-karatteristiċi speċifiċi ta' vetturi bħal dawn; billi l-livelli għall-karozzi tal-passiġġieri saru aktar stretti minħabba d-Direttiva 94/12/KE, li daħħlet ukoll metodu ġdid ta' kontroll dwar il-konformità ta' produzzjoni; billi jeħtieġ li jkunu armonizzati 7. l-livelli għall-vetturi kommerċjali żgħir ma' dawk għall-karozzi tal-passiġġieri sabiex jiġu ta' l-inqas stretti daqs dawk tal-karozzi tal-passiġġieri;

8. Billi x-xogħol li daħlet għalih il-Kummissjoni f'dan il-qasam wera' li l-aqwa teknoloġija disponibbli bħalissa għall-industrija Komunitarja tista' titjieb sabiex tippermetti li vetturi kummerċjali żgħar jħarsu l-limiti ta' skariku mnaqqsa konsiderevolment; billi l-istess jista' jingħad dwar teknoloġiji ġodda li qegħdin jiżviluppaw; billi l-livelli proposti ser japplikaw kemm għall-approvazzjoni ta' tipi ġodda ta' vettura kemm għal kontrolli fuq il-konformità ta' produzzjoni, peress li l-metodu emendat ta' kampjonatura u l-valutazzjoni statistika jippermetti li jitneħħew it-tolleranzi permessi għall-valuri limiti preskritti taħt stadji preċedenti ta' tnaqqis ta' valur skond id-Direttiva 70/220/KEE;

9. Billi l-Kummissjoni eżaminat l-possibilità li ssir għaqda tal-klassijiet II u III tal-vetturi, il-kondizzjonijiet attwali li fihom il-vetturi kummerċjali żgħar huma misjuqa fi traffiku urban u *extra*-urban u l-karatteristiċi speċjali ta' dawn il-vetturi;

10. Billi l-Istati Membri għandhom jitħallew iħaffu, permezz ta' inċentivi ta' taxxa, it-tqegħid fis-suq ta' vetturi li jħarsu r-rekwiżiti mħaddna fuq livell komunitarju, liema inċentivi għandhom iħarsu d-dispożizzjonijiet tat-Trattat u jissoddisfaw ċerti kondizzjonijiet maħsuba biex jiġi evitat distorzjoni tas-suq intern; billi din id-Direttiva ma teffettwax il-jedd ta' l-Istati Membri li jinkludu tniġġis mill-emissjonijiet u sustanzi oħra fil-bażi li fuqha jitqiesu t-taxxi tat-traffiku fuq vetturi bil-mutur;

11. Billi l-ħtieġa ta' notifika bil-quddiem ta' din id-Direttiva tgħodd mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet ta' notifika skond dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Komunità, l-aktar l-Artikolu 93(3) tat-Trattat;

12. Billi huwa xieraq li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw, sal-31 ta' Diċembru 1997, ir-rekwiżiti validi għall-istadju li jibda fl-2000, fuq il-bażi ta' proposta li l-Kummissjoni għandha tagħti sat-30 ta' Ġunju 1996 u li l-għan tagħha hu li jitnaqqsu sostanzjalment l-emissjonijiet minn vetturi kummerċjali żgħar;

13. Billi l-miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' tniġġis ta' l-arja mis-sena 2000 għandu jifforma parti minn xejra integrata u multi-direzzjonali li tilqa' l-miżuri kollha li jnaqqsu t-tniġġis ta' l-arja minħabba t-traffiku tat-toroq; billi l-parametri kollha mwaqqfa fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 94/12/KE huma rilevanti; billi, għar-rekwiżiti validi mis-sena 2000, l-għan għandu jkun, għall-vetturi kummerċjali żgħar, li jitwaqqfu livelli ta' strettezza ekwivalenti għal dawk stabbiliti għall-karozzi tal-passiġġieri li jużaw teknoloġija ta' tnaqqis ta' emissjoni ta' livell tekniku uniformi, filwaqt li jittieħed kont tal-karatteristiċi speċjali ta' vetturi kummerċjali żgħar u, għal vetturi ta' kategorija N1, klassijiet II u III, tal-ħtieġa li jitqiesu xi preskrizzjonijiet xierqa fir-rigward tad-dewmien; billi l-Kummissjoni għandha tieħu taħt idejha l-analiżi ta' l-aspetti ambjentali, teknoloġiċi u l-effiċjenza marbuta ma' l-ispejjeż u tipprovdi, sa l-aħħar ta' Ġunju 1996, għanijiet kwantifikati għat-tħaddin ta' miżuri komunitarji applikabbli mis-sena 2000,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 70/220/KEE għandu jkun emendat b'mod konformi ma' l-Anness ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

1. B'effett mill-1 ta' Ottubru 1996, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw il-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 70/220/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva, għall-għanijiet ta' l-Artikolu 4(1) u 7 (1) tad-Direttiva 70/156/KEE.

[1] ĠU L 226, tat-3.8.1989, p. 1.
[2] ĠU L 242, tat-30.8.1991, p. 1.
[3] ĠU L 186, tat-28.7.1993, p. 21.

2. B'effett mill-1 ta' Jannar 1997 għal vetturi ta' klassi I u b'effett mill-1 ta' Jannar 1998 għal vetturi ta' klassijiet II u III, l-Istati Membri ma jistgħux aktar jagħtu:

— approvazzjoni KE tat-tip skond l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 70/156/KEE, jew

— approvazzjoni nazzjonali tat-tip, sakemm id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 70/156/KEE jiġu msejħa,

għal tip ta' vettura għal raġunijiet marbuta mat-tniġġis ta' l-arja minn emissjonijiet ta' magni, jekk tonqos milli tħares id-Direttiva 70/220/KEE, kif emendata minn din d-Direttiva.

3. B'effett mill-1 ta' Ottubru1997 għal vetturi ta' klassi I u b'effett mill-1 ta' Ottubru 1998 għal vetturi ta' klassijiet II u III, l-Istati Membri għandhom:

— jqisu ċertifikati ta' konformità li jkunu flimkien ma' vetturi ġodda skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 70/156/KEE bħala mhux aktar validi għall-għanijiet ta' l-Artikolu 7(1) ta' din id-Direttiva; u

— jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, bejgħ jew dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda li ma jkollhomx ċertifikat ta' konformità skond id-Direttiva 70/156/KEE, ħlief fejn id-dispożizzjonijiet ta' Artiklolu 8 (2) tad-Direttiva 70/156/KEE huma msejħa,

għal raġunijiet marbuta mat-tniġġis ta' l-arja minn emissjonijiet ta' magni, jekk il-kondizzjonijiet meħtieġa tad-Direttiva 70/220/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva, ma jitħarsux.

L-Artikolu 3

L-Istati Membri jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet għal inċentivi ta' taxxa biss fir-rigward ta' vetturi bil-mutur li jħarsu id-Direttiva 70/220/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva. Inċentivi bħal dawn għandhom iħarsu d-dispożizzjonijiet tat-Trattat u jissoddisfaw dawn il-kondizzjonijiet:

— għandhom jkunu validi għal vetturi ġodda kollha għal bejgħ fis-suq ta' xi Stat Membru li jħarsu minn qabel ir-rekwiżiti tad-Direttiva 70/220/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva,

— għandhom jiefqu fid-dati preskritti fl-Artikolu 2(3) għall-applikazzjoni mandatorja ta' valuri ta' emissjonijiet għal vetturi ġodda bil-mutur,

— għal kull tip ta' vettura bil-mutur għandhom jkunu għal ammont aktar baxx mill-ispiża addizzjonali tal-mezzi tekniċi mdaħħla biex tiżgura konformità mal-valuri preskritti u l-istallazzjoni tagħhom fuq il-vettura.

Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata dwar kull pjan sabiex tistitwixxi jew tibdel l-inċentivi ta' taxxa msemmija fl-ewwel paragrafu fi żmien xieraq biex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha.

L-Artikolu 4

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu taħt il-kondizzjonijiet preskritti fit-Trattat, għandhom jiddeċidu sal-31 ta' Diċembru 1997 dwar proposti, li għandhom isiru mill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 1996, għal stadju ieħor fit-tnaqqis, bl-adozzjoni ta' miżuri Komunitarji, ta' tniġġis ta' arja minnħabba emissjoni minn vetturi bil-mutur koperti minn din id-Direttiva. Il-miżuri għandhom japplikaw mis-sena 2000.

F'dawn il-proposti, l-Kummissjoni għandha ssegwi l-approċċ deskritt fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 94/12/KE.

L-Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għal konformità ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Ottubru 1996. Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni fil-pront.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu flimkien ma' referenza bħal din fiż-żmien tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi biex issir din it-tip ta' referenza għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 6

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Ottubru 1996.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
K. HÄNSCH	P. RABBITTE

L-ANNESS

Emendi għall-Anness tad-Direttiva 70/220/KEE kif emendata bid-Direttiva 93/59/KEE

It-tabella f'Sezzjoni 5.3.1.4 hija mibdula b'dan li ġej:

Il-Kategorija/il-klassi tal-vettura		Il-valuri tal-limitu					
		(kg) Il-massa tal-*carbon monoxide* L_1	(g/km) Il-massa kkumbinata ta' l-idrokarburi u ta' l-ossidji tan-nitrogenu L_2		(g/km) Il-massa tal-partikolati L_3		(g/km) Il-Kategorija Il-Klassi
Il-massa ta' referenza	RW		Il-Petrol	Id-Diesel	Il-Petrol	Id-Diesel [1]	Id-Diesel [1]
M [2]	—	kollha	2,2	1,0	0,5	0,7	0,08
N_1 [3]	I	RW ≤ 1 250	2,2	1,0	0,5	0,7	0,08
	II	1 250 < RW ≤ 1 700	4,0	1,25	0,6	1,0	0,12
	III	1 700 < RW	5,0	1,5	0,7	1,2	0,17

[1] Sat-30 ta' Settembru 1999, għal vetturi li jkollhom magni tad-diżil tat-tip ta' injezzjoni diretta, il-limiti tal-valuri L_2 u L_3 huma li ġejjin:

	L_2	L_3
— Il-kategorija M [2] u N_1 [3] il-klassi I:	0,9	0,10
— Il-kategorija N_1 [3] klassi II:	1,3	0,14
— Il-kategorija N_1 [3] klassi III	1,6	0,20

[2] Ħlief:

— vetturi ddiżinjati biex iġorru iktar minn sitt okkupanti inkluż ix-xufier
— vetturi li l-massa massima tagħhom teċċedi l-2 500 kg.

[3] U dawk li l-vetturi tal-kategorija M li huma speċifikati fin-nota f'qiegħ il-paġna [2].